MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 18/2004

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress li l-partijiet izzewgu f' Malta fil-hamsa u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elf, disa' mija u erbgha u disghin (1994) u miz-zwieg taghhom baqghu improle;

U peress li l-hajja mizzewega tal-kontendenti saret impossibli minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-attrici u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment;

U peress li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni ghas-separazzjoni b' Digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Dicembru 2003 li kopja tieghu hi hawn (Dok A);

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, jghid il-konvenut ghaliex:

1. M' ghandhiex tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-attrici u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment;

2. M' ghandhiex din il-Qorti tiffissa retta alimentarja ghaliha skond il-Ligi u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik ir-retta hekk stabbilita, b' dawk il-modalitajiet kollha li jidrulha xierqa;

3. M' ghandhomx jigu applikati kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kodici Civili (1984 ed.) in toto jew in parte.

4. M' ghandhiex tigi dikjarata xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu divizi bejn il-partijiet, okkorrendo b' opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi din l-Onorabbli Qorti tistabbilixxi data u tordna li l-akkwisti li ikunu saru bix-xoghol u hila tal-attrici minn dik id-data l' quddiem, jibqghu biss a beneficcju taghha, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

5. Tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici il-beni kollha parafernali taghha.

6. Tawtorizza lill-attrici sabiex tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut.

7. Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha "Farrugia".

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici kontra l-konvenut ingunta minn issa stess in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi l-esponent jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda mhux ghar-ragunijiet moghtija mill-attrici stante illi ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg hija responsabbli l-attrici li rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju, eccessi, sevizzi, minacci, ingurji gravi u abbandun tad-dar matrimonjali kontra l-esponent kif ser jirrizulta ahjar waqt is-smiegh tal-kawza;

2. Illi t-tieni talba tac-citazzjoni attrici ghandha tigi michuda stante li ghat-tkissir taz-zwieg kienet responsabbli l-attrici kif ukoll peress li hija tahdem;

3. Illi t-tielet talba ghandha tigi michuda;

4. Illi l-eccipjent jaqbel limitatament ghat-talba li tigi xolta tal-komunjoni tal-akkwisti u jopponi ghat-talba tal-attrici li tigi allokata xi beneficcju aktar minn dak li ser jigi allokat lill-eccipjent.

5. Illi l-hames u s-sitt talbiet attrici huma opposti;

6. Illi s-seba’ talba m’ hijix ikkontestata.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits tal-partijiet;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Mark Chetcuti minnu debitament mahluf;

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta mputabbli unikament lill-istess konvenut. Minn naha tieghu l-konvenut jimputa l-htija ghas-separazzjoni lill-attrici fit-termini ta' l-artikoli 38, 40 u 41 tal-istess Kap.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-25 ta' Dicembru 1994. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Wara tlett snin il-konvenut beda jiffissa li martu kienet qed tkun infidila lejh u anke li riedet tivvalenah. Dan l-istat mentali tal-konvenut gab hafna nkwiet fil-hajja matrimonjali tal-partijiet, partikolarment fuq l-attrici li kellha tissubixxi mhux biss l-akkuzi ngusti maghmula minn zewgha fil-konfront taghha, izda wkoll okkazjonalment vjolenza da parti tal-konvenut.

Illi fis-26 ta' Dicembru 1997 il-konvenut iddahhal fl-emergenza fl-Isptar San Luqa fejn gie ccertifikat mill-Konsulent Psikjatra Dottor Vella Baldacchino li kien qed isofri minn "acute psychosis". Dan it-tabib, li dam jara u jikkura lill-konvenut "numru ta' snin" qal fix-xhieda[1] tieghu li "jiena wasalt ghall-opinjoni psikjatrika li kien marid. Kellu t-tendenza jaqta' l-medicini ghax kien qed isir impotenti, u dan kellu effett mentali hazin fuqu … Hu kellu a delusional disorder mhux skizofrenija. Kien jiffunzjoni fuq kollox, hlief fuq din." Dan ix-xhud ikkonferma li "kull meta giet il-mara mieghu, dejjem ghenitu u kienet supportive."

Illi din il-Qorti, wara li kkonsidrat il-provi kollha fir-rigward, tikkondividi l-konkluzjoni raggjunta mill-perit legali, fis-sens li, filwaqt li ma jirrizultawx provati l-allegazzjonijiet ta' infedelta' maghmula mill-konvenut fil-konfront ta' martu, jirrizulta provat li dan kien ibati minn din il-fissazzjoni li

[1] Fol.196 *et seq.*

kienet wasslitu biex okkazzjonalment ikun anke vjolenti fuq martu. Il-Qorti tosserva li n-nuqqas tal-konvenut f' dan il-kaz, ma jrrisjedix fil-fissazzjoni tieghu li kienet fuq livell ta' marda, izda fin-nuqqas tieghu li jiehu l-medicini preskritti lilu mit-tabib meta kien jibda jhossu tajjeb, b' konsegwenzi negattivi ghal martu li kienet kostretta tissubixxi l-komportament tieghu. Dan in-nuqqas ripetut, li kellu bhala konsegwenza tieghu tbatija fuq martu, tant li f' Jannar tas-sena 2003 hija kellha titlaq mid-dar konjugali, jikkostitwixxi sevizzi fit-termini ta' l-artikolu 40 u jirrendi lill-konvenut hati tal-firda personali stante li l-hajja konjugali bejniethom kienet minhabba f' hekk saret impossibbli.

Illi rigward l-imputazzjoni ta' adulterju maghmula mill-konvenut, il-Qorti wara li rat l-affidavit tieghu, tosserva li dan ma giex provat sodisfacentement. Anke mill-istess affidavit, ma jistax jinghad li hemm elementi ta' prova sufficjenti biex jintegraw din il-prova; hemm biss supposizzjonijiet u elementi ta' prova li zgur ma jistghux jigu validament kunsidrat bhala provi ndizzjarji li fl-assjem taghhom iwasslu ghall-adulterju da parti ta' martu.

Illi rigward l-imputazzjoni ta' abbandun fit-termini ta' l-artikolu 41 maghmula mill-konvenut, il-Qorti tosserva li dan ma jirrizultax; stante li, filwaqt li l-konvenut telqet mid-dar konjugali f' Jannar 2003, ic-citazzjoni giet prezentata fit-2 ta' Frar 2004, u ghalhekk jonqos ir-rekwizit tas-sentejn preskritt mill-ligi. Inoltre, kif spjegat l-attrici fl-affidavit taghha, hija telqet mid-dar konjugali wara incident vjolenti li sehh fid-29 ta' Dicembru 2002, u wara li rat li ma kellhiex is-support tal-familja tal-konvenut li kienu jafu bis-sitwazzjoni tieghu; u ghalhekk ma jistax jinghad li hi telqet mid-dar konjugali minghajr raguni valida fit-termini ta' l-artikolu precitat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba ghas-separazzjoni personali hija gustifikata stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment u li l-hajja konjugali bejn il-partijiet giet reza impossibbli minhabba nuqqasijiet attribwibbli unikament lill-konvenut. Jigi osservat li din il-Qorti ma tara xejn x' ticcensura fil-komportament ta' l-attrici li fis-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha kienet kostretta

titlaq mid-dar konjugali u tghix mal-familjari taghha. Sallum hija ghadha tghix barra mid-dar konjugali li fiha ghadu jirrisjedi l-konvenut.

Hija opportuna l-osservazzjoni li l-komportament tal-konvenut fil-konfront ta’ martu jassumi gravita’ akbar meta jigi kunsidrat fid-dawl tal-fatt li meta huwa kien jiehu l-medicini preskritti lilu mit-tabib, huwa kien jkun fi stat mentali tajjeb, liema fatt jinsab konfermat mill-isemmi tabib, u ghalhekk kien ikun fil-posizzjoni li jaghmel evalwazzjoni ahjar tas-sitwazzjoni tieghu; izda minnflok kompla bil-kura, huwa kien jieqaf jiehu l-pilloli.

**Manteniment**
Illi hija taqbel mal-perit legali li, peress li llum iz-zewg partijiet jahdum full time, il-konvenut, rebus sic stantibus, m’ ghandux jigi ordnat jhallas manteniment lil martu; izda dan m’ ghandux jippregudika d-dritt ta’ l-attrici li tezigi manteniment minghand zewgha bhala parti hati tal-firda, kemm il-darba hija tisfa minghajr introitu adegwat.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**
*Likwidazzjoni*
Illi l-assi tal-komunjoni jikkonsisti fis-segwenti proprjeta:
[1] id-dar matrimonjali sitwata numru 7 Triq Mikiel Busuttil Zejtun, stmata mill-Perit Mario Cassar fl-ammont ta’ Lm57,000;

[2] kontijiet bankarji fil-Bank of Valleta u fil Bank HSBC:
Kont nru.400 101 12401 [Lm2,204.22] mal-BOV f’isem il-konvenut
Kont nru.564 172 979 [Lm15.62] mal-HSBC f’ isem il-konvenut
Kont nru.121 0691 3021 [Lm3,500] mal-BOV f’ isem l-attrici
Kont nru.056087802101 [Lm10,693.44] mal-HSBC konguntiv fuq isem iz-zewg kontendenti.

Jigi osservat li mill-provi jirrizulta li l-kont numru 267 065 553 [Lm2,000] huwa parafernali tal-konvenut stante li jrrisali ghas-sena 1993 [fol.153].

[3] oggetti mobbli ezistenti fid-dar matrimonjali elenkati fid-dokument DS1 esebit a fol.87 li kopja tieghu qeda tigi annessa ma' din is-sentenza [Appendici A]

[4] oggetti tad-deheb valutati komplessivament fis-somma ta' Lm270 konsistenti fi brazzuletta tad-deheb, arlogg, curkett u msielet;

Illi in kwantu ghall-kreditur ta' Lm10,000 pretiz mill-attrici u l-allegazzjoni ta dhul mill-intimat minn kirjiet ta' proprjeta' parafernali tieghu, il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali li ma ngabet ebda prova f' dan ir-rigward.

*Assenjazzjoni*
[A] Illi l-Qorti tordna li d-dar matrimonjali numru 7 Triq Mikiel Busuttil Zejtun, tinbigh fuq is-suq liberu fi zmien sena, u fin-nuqqas, wara dan il-perijodu, ghandha tinbigh bis-subbasta - sakemm il-partijiet ma jifthemux mod iehor; u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet fi kwoti wgwali bejniethom.

Illi l-konvenut huwa ordnat sabiex fi zmien tlett xhur millum jizgombra mill-imsemmi fond.

[B] Illi il-kontijiet bankarji qed jigu assenjati lill-partijiet li fuqhom huma ntestati, hlief ghal-kont kongunt mal-HSBC numru 056 087 802 101 li ghandhu jinqasam bejn il-partijiet fi kwoti wgwali;

[C] Illi l-oggetti mobbli ndikati fuq id-dokument DS1 ghandhom jinqassmu bil-mod segwenti: il-partiti 3 u 5 ghandhom jibqghu mad-dar; il-partiti 1,2,4,6,7,8,9,10, u 11 jigu assenjati lill-attrici u l-kumplament jigu assenjati lill-konvenut – sakemm il-partijiet ma jifthemux mod iehor;

[D] Illi rigward l-oggetti tad-deheb fuq indikati that il-partita [4], tordna lill-konvenut jikkonsenjahom lill-attrici; li pero' m' ghandha thallas lilu ebda kumpens tenut kont tal-fatt li meta l-attrici kienet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali hija necessarjament kellha tinkorri fi spejjez, filwaqt li l-konvenut baqa' jghix fid-dar matrimonjali. Fin-nuqqas, is-

somma ta' mitejn u sebghin lira maltin [Lm270] tigi dedotti minn sehem il-konvenut mir-rikavat tal-bejgh tad-dar.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba u tordna s-separazzjoni personali bejn il-partijiet peress li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment htija tal-konvnuet;

[2] tilqa' t-tieni talba limitatament billi tafferma d-dritt ta' l-attrici li titlob manteniment minghand zewgha kemm il-darba dina tisfa' minghajr mezzi adegwati; izda *rebus sic stantibus*, tichadha ghall-kumplament;

[3] tilqa' t-tielet talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta' l-artikolu 48[1], b' applikazzjoni ta' l-artikolu 51 tal-Kap.16;

[4] tilqa' r-raba talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u tillikwidaha u tordna li tigi assenjata kif fuq stabbilit that is-sezzjoni ntestata "Komunjoni ta' l-Akkwisti"; u tordna li l-konvenut jivvaka l-fond numru 7 Triq Mikiel Busuttil, Zejtun fi zmien tlett xhur millum;

[5] tilqa' l-hames talba u tordna li l-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici d-deheb kif indikat that is-sezzjoni "Komunjoni ta' l-Akkwisti", u fin-nuqqas is-somma ta' Lm270 tigi dedotta mis-sehem tieghu tar-rikavat tal-bejgh tal-fond konjugali;

[6] tichad is-sitt talba;

[7] tilqa' s-seba talba u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha, 'Farrugia'.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------